# PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 1: Alla jagħtina t-talenti**

**Lezzjoni: 1.3 Il-Kwalitajiet tal-oħrajn**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jiftakru fil-kapaċitajiet li jaraw fl-eroj tagħhom.
2. Jifhmu li Alla hu li jżejjen bil-kwalitajiet.
3. Jagħrfu d-differenza bejn dak li tagħmel jew għandha persuna u dak li hi.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint bl-stampi ta' kwalitajiet differenti.
- Powerpoint: *Michael Jackson vs One Direction*
- One Direction in Ghana http://www.youtube.com/watch?v=Bo7UmPPkamQ
- Il-Karta ta' Taħriġ 1.2.



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu



- Uri l-Powerpoint tal-kwalitajiet differenti.
- Ħalli lill-istudenti jitkellmu dwar l-istampi.
- Staqsihom x'jista' joħroġ ta' ġid minn dawn il-kwalitajiet.
- Spjega l-punt li mhux dejjem il-persuna tasal biex mill-kwalità li għandha ttejjeb lilha nfisha u allura lill-oħrajn.

## Nisimgħu flimkien (il-lezzjoni)



- Biex tkompli tibni fuq il-punt tal-introduzzjoni tal-lezzjoni, uri l-Powerpoint fejn jidher il-kantant famuż Michael Jackson.
- *Tidħolx f'dettalji żejda dwar dan il-kantant. Oħroġ il-fatt biss li kellu kwalità sabiħa li biha ferraħ lil ħafna nies u għamel ħafna karità, imma li lilu ma swietlu xejn għaliex m'aċċettax lilu nnifsu kif kien b'din il-kwalità. Jingħad li kien persuna mdejjaq bih innifsu u dejjem ried xi ħaġa li ma kellux u ma setax jakkwistaha (il-kulur tal-ġilda).*
- Uri wkoll l-istampa ta' grupp famuż ta' subien kantanti li għadhom żgħar bl-isem ta' 'One Direction'. Dawn marru jżuru xi postijiet tal-missjoni bħall-Ghana fl-Afrika u taw is-sehem tagħhom biex iġibu ftit ferħ f'dawn il-postijiet. Jalla dawn jibqgħu japprezzaw li għandhom, jaħdmu fuqu u jkomplu jużaw it-talent tagħhom għall-ġid tagħhom u tal-oħrajn.
- Uri wkoll id-diska tal-One Direction – *One Way or Another*.

- Iftaħ il-ktieb tal-attivitajiet 1.2 u wara li tispjega s-silta tal-introduzzjoni flimkien mal-istudenti aħdem **Attività A.**
- Stieden lill-istudenti jaħdmu **Attività B.** Isir qsim ta' ideat wara li titlesta din l-attività. Ir-risposti jistgħu jkunu varji, imma dawn jistgħu jkunu xi risposti addattati: **L-istudju** – ngħin lill-ħaddieħor ifiq, nagħti parir lil xi ħadd**; L-Isports** – inkun ta' eżempju għal ħaddieħor li kulħadd jista' jasal, nagħti gost, nuri li l-kontroll u d-determinazzjoni iwasslu għas-suċċess; **Il-ġentilezza** – inserraħ lil dawk li qed ibatu, inkun ta' eżempju ta' mġiba tajba.
- Aħdem **Attività Ċ** bħala klassi. Aqra l-istorja u flimkien mal-istudenti iddiskuti l-mistoqsijiet.
- Għall-aħħar mistoqsija "Għalhekk jien irrid nifhem li..." wassal lill-istudenti biex jagħrfu li bit-talenti tagħhom iridu jikbru huma u jkunu solidari mal-oħrajn. Tajjeb li ma jaħsbux biss fihom infushom.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**



1. Alla hu dak li jżejjen lil kull bniedem bit-talenti.
2. Ħadd m'għandu għalfejn jitkabbar b'dak li għandu.
3. Kull talent, Alla tah għall-ġid tal-istess persuna u għall-oħrajn.
4. Meta t-talenti ma jintużawx sew issir il-ħsara lill-persuna u lil ta' madwarha.

**Nagħżlu flimkien (l-attitudni)**

- Nagħrfu t-talenti tagħna, inkunu solidari mal-oħrajn u ma naħsbux biss fina nfusna. Ejjew naħdmu fuq dan illum.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD eċċ

- http://www.youtube.com/watch?v=Bo7UmPPkamQ.

(One  Direction in Ghana)



## Nitolbu



Mulej, tħalli qatt li b'dak li għandi u li wara kollox tajtni Int, ma nkunx kapaċi nikber bil-għaqal bizzejjed biex nagħraf x'għandi nagħmel fil-ħajja.